VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,579, 24 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 181 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – Youth and Community Studies – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – Youth and Community Studies - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – Youth and Community Studies, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala l-Avviż Legali 201 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Youth and Community Studies – B.A. (Hons) YCS – taħt il-patroċinju tal- Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

VERŻJONI ELETTRONIKA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Youth and Community Studies – B.A. (Hons) YCS – taħt l-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Youth and Community Studies – Dip. YCS;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Youth and Community Studies – B.A. (Hons) YCS;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Youth and Community Studies – B.A. (Hons) YCS; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Programm tal-Kors

6. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għall-Grad, imfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u approvat mis-Senat, qabel il-bidu tal-Kors. Suġġett għat-tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti jkunu meħtieġa jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikati fil-programm ta' studju."

It-Tħassir tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jitħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 8 u 9 tal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinamenti 8 u 9 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 7 u 8.

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinament prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 60 krettu ECTS, u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew li wara li jkunu komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess ikunu intitolati għall-għoti tad-Diploma**.**"